MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 381/2004

**Avviz numru : 381/2004 AL**

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C 113)**

**vs**

**Philip Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' telef mija u sbatax-il elf lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (LM4,117.57) in kwantu s-somma ta' tlett telef sitt mija u sbatax-il lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (LM3,617.57) rapprezentanti valur ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici favur il-konvenut, u in kwantu l-bilanc ta' LM 500, rapprezentanti

bilanc minn trade loan, moghti mill-istess socjeta’ favur l-istess konvenut;

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt biex jidher in subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament tigi sollevata l-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikoli 2148, 2149 u 2156 tal-Kodici Civili ta’ Malta.
2. Illi bla pregudizzju ghal dan, l-ammont reklamat mhux dovut ghaliex il-konvenut gie ingannat dwar x’kien dovut minnu.
3. Illi fi kwalunkwe kaz il-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-ammont pretiz mill-atturi mhuwiex dovut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-Avukat difensuri tal-attur u tal-konvenut;

Ikkunsidrat :

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qeghda titlob illi l-konvenut jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta’ erba’ telef mija u sbatax-il lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (LM4,117.57) bl-ispejjez u bl-imghax leagli sad-data tal-hlas effettiv.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kienet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2148, 2149 u 2156 tal-Kodici Civili.

Illi aktar tard l-avukat difensur tal-konvenut iddikjara illi kien qieghed jissolleva b’mod partikolari l-preskrizzjoni tat-tmintax il-xahar.

Illi f’dan ir-rigward, is-socjeta’ attriciipprezentat, permezz ta’ Nota, kopja ta’ sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta’ Ottubru, 2003 fl-ismijiet “Korporazzjoni Enemalta vs Kalaxlokk Company Limited”, fejn, inter alia, gie deciz illi l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili, li jitratta dwar il-preskrizzjoni tat-tmintax il-xahar ghall-azzjonijiet ta’ kredituri ghall-prezz ta’ merkanzija u oggetti u hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut mhuwiex applikabbli ghall-kaz fejn il-bejgh ma jkunx bl-imnut, imma jkun jinvolvi bejgh bi kwantitajiet kbar ta’ prodotti mis-socjeta attrici.

Illi effettivament fil-kaz odjern in-negozju in kwistjoni ma kienx limitat ghall-operazzjoni semplici ta’ kompravendita, kif ikun fil-kaz ta’ bejgh bl-imnut, imma kien jinvolvi negozju konsistenti dwar ammonti sostanzjali tal-prodott u ghalhekk certament il-preskrizzjoni applikabbli ma ghandhiex tkun dik ta’ tmintax il-xahar, izda dik ta’ hames snin kif kontemplat fl-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili illi jitratta azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li jigi minn operazzjonijiet kummercjali.

Illi fil-kaz de quo gie fil-fatt ippruvat illi dan kien kaz ta’ kreditu li kien gej minn operazzjoni kummercjali.

Ghaldaqstant il-Qorti tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici huwa maqsum f’zewg ammonti, kwantu ghal tlett telef sitt mija u sbatax-il lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (LM3,617.57) rapprezentanti valur ta’ prodotti mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta’ attrici lill-konvenut, u in kwantu l-bilanc ta’ LM 500, rapprezentanti bilanc minn “trade loan”, moghti mill-istess socjeta’ favur l-istess konvenut.

Illi dwar il-meritu, s-socjeta’ attrici ipprezentat tlett “statements” illi effettivament juru illi l-konvenut ghandu jhallashom is-somom fuq imsemmija.

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut ma jghidx li dawn l-ammonti mhumiex dovuti minnu u lanqas b'xi mod iehor ma jipprova jattakka l-"statements" ipprezentati mis-socjeta' attrici.  Anzi jghid "Ma niftakarx li per ezempju hallasthom f'Awissu 2002, pero' jien ma niddubitax jekk qalu hekk Farsons allura hekk hu."

Illi s-socjeta' attrici mhux talli qalet hekk, talli l-istess jirrizulta mill-istatement of account; liema statement of account bl-ebda mod ma gie michud, jew b'xi mod iehor kontraddett mill-konvenut.

Illi hu fatt risaput illi meta konvenut ihallas allura jkun qieghed jinterrompi l-preskrizzjoni li umbaghad tibda tiddekorri mill-gdid.

Illi irrizulta car mill-provi illi l-konvenut kien ilu jaghmel negozju mas-socjeta' attici snin twal.  Ma kienitx transazzjoni ta' darba, izda kien hemm diversi transazzjonijiet li saru matul medda tas-snin.

Illi l-konvenut ma jistax igib bhala difiza il-fatt illi kellu l-impressjoni sbaljata illi r-rati moghtija lilu mis-socjeta' attrici kienu inqas minn dawk li kienu jinghataw lil haddiehor.

Illi kuntrarjament ghal dak illi argumentat d-difiza s-socjeta' attrici ressqet il-provi kollha necessarji sabiex tissostanzja it-talbiet taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' telef mija u sbatax-il lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (LM4,117.57) bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------